Xgħajra Church

28 ta' Ġunju 2020

GRIŻMA TAL-ISQOF 2020

IS-SIBT L-1 TA' AWWISSU - 06:30pm

Aħna ċerti li taqsmu l-preokupazzjoni tagħna dwar il-Griżma tal-Isqof din is-sena. Bħalma tafu kellna nagħlqu l-'Mużew' mill-14 ta' Marzu s'issa. Konvinti ukoll li inti trid li uliedek ikunu jafu sew x'inhuma r-raġunijiet għaliex iridu jirċievu dan is-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof. Dan hu Sagrament għall-adulti u għalhekk nixtieq li kull min jircevieh ikun jaf sew għalxhiex qed jintrabat.

L-ewwelnett hu dmir tal-ġenituri li jagħtu formazzjoni reliġjuża lil uliedhom – aħna qegħdin hawn biex ngħinukom. Nafu li dan tagħmluh, kemm-il darba organiżżajna laqgħat ta' formazzjoni kemm għalikom u kemm għal uliedkom. Niftakru il-laqgħa mal-patrijiet Kapuċċini fejn, żgħażagħ u ġenituri flimkien, għamilna esperjenza ma' nies li qed jippruvaw ipoġġu lil Ġesu' l-ewwel f'ħajjithom.

Qed nitlobu is-sehem tiegħek biex sas-Sibt l-1 ta'Awissu 2020 norganiżżaw flimkien dawn il-laqgħat ta' formazzjoni kemm għalikom il-ġenituri u kemm għaż- żgħażagħ:

Dati: Il- Ġimgħa 3, 10, 17, 24 ta' Lulju 2020

Hin: 5:30pm – 07:00pm

Post: It-Teatru mal-ġenb tal-'Mużew'

Programm: Jitmexxa mill-Katekisti Leslie Psaila u Marilou Mitrovic: X'inhu s-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof, kif nitħejjew għalih u xi jsir fl-ewwel t'Awwissu; kif issir it-talba tal-Griżma minn dawk li jridu jircevuha; il-kunsens tal-ġenituri u r-rwol tal-parrini.

L-ewwel laqgħa tat-3 ta' Lulju ser titmexxa minn Father Colin u Jackie Nicolosi dwar "Friendship Cards" bħala tħejjija għall-ħajja.

Xgħajra Church

Irtir mal-Patrijiet Kapuċċini żgħażagħ

Post: Kunvent tal-patrijiet Lunzjata, Kalkara

Data u ħin: L-Erbgħa 15 ta' Lulju 2020: 6:30am – 12:00pm

Bħalma m'għamilna fl-aħħar laqgħa, ħa nippruvaw ngħixu 'ĠURNATA KIF JGĦIXHA PATRI ŻAGĦŻUGĦ': Nibdew fis-6:30am nitolbu flimkien mal-patrijiet, nieħdu breakfast, nsiru nafu lil xulxin aħjar, sports, lbies '*casual',* u ngibu *packed lunch* magħna biex niekluh flimkien.

Trasport: Il-ġenituri huma mħegga biex iġibu lil uliedhom fis-6:30 am il-Kunvent tal-Kalkara u jiġu għalihom f'nofs inhar. Min għandu problema ta' transport javżana u ngħidulkom x'għandkom tagħmlu.

Laqgħat speċjali mall-ġenituri/guardians u parrini ma' Fr Colin
Dil-ġimgħa ser inċemplulkhom personalment biex nifthemu liema hu l-aħjar jum u ħin għalikom.

Donazzjonijiet
Bħalma tafu ilna ma niftħu l-Knisja għall-pubbliku għal dawn l-aħħar xhur. Dawn ix-xhur ma sar ebda ġbir u dħul finanzjarju kien xejn. Minkejja dan komplejna bix-xogħolijiet meħtieġa biex meta uliedna jerġgħu lura l- 'Mużew' isibu ambjent ġdid u nadif : tibjid ta' klassijiet, kuruturi, bitħa eċċ. Bħalma tafu, anke biex din is-sena norganizzaw il-Griżma kellna nidħlu fi spejjeż iżjed mis-soltu. L-għajnuna finanzjarja tiegħek biex inlaħħqu ma' uħud minn dawn l-ispejjeż hija ta' għajnuna kbira għalina u hija ferm apprezzata.

Tislijiet,
Leslie Psaila (79056935) & Marilou Mitrovic (99428547)
Fr Colin (79207473, 79991459)

✂----------

FORMULA TA' KUNSENS

(Jekk tistgħu irritornawha mimlija sal-Ġimgħa 3 ta' Lulju waqt il-Laqgħa – Grazzi)

Jiena,_____ ġenitur / *guardian* ta' _____ nagħti

kunsens biex it-tifel / it-tifla_____ jattendi / tattendi l-irtir

mal-Patrijiet Kapuċċini żgħażagħ, l-Erbgħa 15 ta' Lulju 2020 fil-Kalkara.

_____	_____	_____	_____
ISEM U KUNJOM	FIRMA	DATA	ID CARD